MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 575/2005

**Mario Attard ezercenti l-kummerc taht l-isem ta 'Euro Caterers'**
**(K.I. Nru 445575 M)**

**vs**

**Jack H. Serra Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta Frar 2005, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' elf mija u hamsin lira Maltija (Lm1150) rapprezentanti valur ta' zewg magni debitament mibjugha u konsenjati lis-socjeta' konvenuta kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok A;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-21 ta Ottubru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma mitluba ta' elf mija u hamsin lira Maltija (Lm1150) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjes ta' dina l-istanza a karigu tal-istess socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------